MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2012

Numru 806/2012

IL-Pulizija
(Spettur Jurgen Vella)

vs

Mario Campolo

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita numru 17382A, akkuzat talli:

1. nhar is-26 ta’ Lulju 2012 ghal habta tas-6.00a.m. gewwa il-Kappella tal-Gherwieh gewwa Hal Tarxien u f’dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta’ flus u/jew oggetti ohra liema serq ma jeccedix 232.37 Ewro, liema serq huwa aggravat bil-lok u dan ghad-detriment tal-knisja u jew persuna/i mhux maghrufa;

2. fl-1 ta’ Awissu 2012 ghal habta tas-7.00 ta’ filghodu flimkien ma’ persuna/i ohra bil-hsieb li jaghmel delitt wera’ dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi prova jisraq mis-sakristija mill-knisja parrokjali ta’ Hal Tarxien u/jew postijiet ohra, liema serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun aggravat bil-mezz, lok u valur li jeccedi 2,329.37 Ewro u li kieku sar kien ikun ghad detriment ta’ Fr Rueben il-Kapillan ta’ Hal Tarxien u persuni ohra;
3. fl-istess zminijiet u cirkostanzi wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta’ liberta’ kondizjonata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Magistrat Dr. A. Vella LL.D.) nhar l-20 ta’ Novembru 2011 ai termini tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. rrenda ruhhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta mill-Magistrat Dr A. Vella LL.D. nhar l-20 ta’ Novembru 2011 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;
5. naqas li jhares xi wahda u/jew iktar minn wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, Magistrat E. Grima LL.D., b’digriet datat nhar it-28 ta’ Marzu 2012 li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettiex reat iehor ta’ natura volontarja;

Il-Qorti mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati imsemmija, tirrevoka ‘contrario imperio’ d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta’ Mario Campolo, kif ukoll tordna li s-somma depozitata fir-registru ta’ din il-Qorti u l-garanzija personali ta’ ghaxar t’elef Ewro, li gew imposti fuqu sabiex jaghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Trattat l-ewwel, l-akkuza tas-serq u l-attentat riportati fl-ewwel u t-tieni imputazzjoni rispettivament, m'ghandux ikun hemm dubbju dwar ir-rizultanza ta' l-ewwel jigifieri dwar is-serqa tas-26 ta' Lulju ta' din is-sena li sehhet kontra persuna gewwa il-kappella tal-Gherwieh f'Hal Tarxien konsistenti f'somma ta' 25 Ewro. Din tirrizulta wisq car miz-zewg stqarrijiet debitament u legalment rilaxxjati mill-imputat. Fil-konfront tat-tieni, ossija l-attentat ta' serq mill-Knisja Parrokjali ta' Hal Tarxien fl-1 ta' Awissu wkoll ta' din is-sena, l-provi fir-rigward huma tali li l-Qorti mhiex pjenament sodisfatta li din l-akkuza treggi kontra l-imputat. Ghalkemm l-agir tal-imputat jista' iqajjem suspetti dawn huma, fil-fehma tal-Qorti, kongetturali b'daqstant li fuq semplici suspetti u kongetturi ma tasalx biex issib htija.

Trattati l-akkuzi l-ohra, il-Qorti tafferma li tirrizulta dik tal-ksur ta' ordni ta' probation meta r-reat tas-serq koncernanti dak tas-26 ta' Lulju ta' din is-sena, li tieghu l-Qorti ser issib htija, sehh fil-pendenza ta' tali ordni kif jirrizulta mis-sentenza esebita f'dawn l-atti u moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta. Mill-bqija m'hemmx u ma ngabet ebda prova fil-konfront tal-allegat ksur ta' xi kondizzjoni marbuta mal-helsien mill-arrest tal-imputat skond digriet allegat moghti fit-28 ta' Marzu ta' din is-sena li fin-nuqqas ta' l-esibizzjoni tieghu f'dawn il-proceduri din il-Qorti trid ta' bilfors tillibera l-imputat minn din l-akkuza.

Inghad dan ghalhekk tiddikjara u ssib l-imputat hati tal-ewwel akkuza u ta' l-akkuza li kiser ordni ta' probation li bih gie marbut ghal-sentejn mill-20 ta' Novembru 2011 skond sentenza tal-istess jum esebita f'dawn l-atti.

Dwar piena: s-serq li tieghu l-imputat ser jinstab hati jirrizulta aggravat bil-lok stante li sar f'lok pubbliku li

qieghed ghall-qima t'Alla kwindi punibbli b'piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn. Stante li jirrizulta li r-reat sehh tul il-perjodu li l-imputat kien taht ordni ta' probation u bi ksur tal-istess l-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz ghandu jkun hemm piena ta' prigunerija effettiva. Wara li rat l-Artikolu 261 (e), 269(a), 281(a) tal-Kap 9 u l-Artikolu 23 tal-Kap 446 tikkundannah tlettax-il xahar prigunerija bit-tnaqqis taz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------